**Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)**

Rik. Gur. Nru: XX/XXX/XX
Diff: XX/XX/XXXX

Wara s-sentenza numru XX/XXX/XX fl-ismijiet

YS

*vs*

ES

**Rikors tar-ritrattat YS;**

Jesponi bir-rispett;

Illi dan hu rikors fejn qed jintalab il-permess specjali ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jiġi intavolat appell minn digriet interlokutorju mogħti kameralment nhar il-XX XX XX. Fl-ewwel seduta wara li ngħata dan id-digriet, u ċjoe fil-XX XX XX, wara li l-partijiet ħadu konjizzjoni tad-digriet ġie verbalizzat dan li ġej: "*Il-Qorti qeghda tidderigi lil Dr. John Bonello sabiex jipprezenta rikors sabiex jigi awtorizzat jappella ghad-digriet tal-Qorti tal-XX XX XX liema rikors ghandu jigi notifikat lill-kontro-parti.*" Għalhekk, dan ir-rikors qiegħed isir in ottempranza ma' dan il-verbal;

Illi jiġi qabel xejn rilevat li skond l-Art. 229(6) tal-Kap. 12, meta d-digriet interlokutorju jingħata *in camera*, bħal fil-każ odjern, dan għandu għall-fini tal-kalkolu ta' kull żmien, jitqies bħala li jkun inqara' bil-miftuħ fil-Qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti *in camera*;

Illi l-fatti li taw lok għal dan ir-rikors huma kif ġej:

1. Illi fit-tieni seduta quddiem il-Perit Legali Dottor XX XX, il-kontendenti wara skambji li kellhom dwar xi provi għandhom jitressqu, qablu li għandhom iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar jekk fil-perizja għandhomx jitressqu provi limitatament għall-ewwel talba tar-ritrattanda jew dwar it-talbiet kollha, ossia ż-żewġ talbiet;

2. Illi ż-żewġ partijiet għamlu sottomissjonijiet u għaddewhom lill-perit legali liema sottomissjonijiet ġew ukoll preżentati in atti;

3. Illi l-Perit Legali Dottor XX XX ippreżenta rikors bin-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet rispettivi nhar il-XX XX XX sabiex jottjeni direzzjoni minn din l-Onorabbli Qorti dwar jekk fil-proċeduri odjerni għandhomx jitressqu provi limitatament dwar jekk hemmx lok jew le ta' ritrattazzjoni, jew il-provi kollha, inkluż dwar il-mertu li qiegħed jintalab li jiġi ritrattat;

4. Illi bid-digriet fuq imsemmi tal-XX XX XX, din l-Onorabbli Qorti dderiġiet lill-imsemmi Perit Legali sabiex f'dan l-istadju, jisma' l-provi limitatament dwar jekk hemmx jew le lok ta' ritrattazzjoni tal-kawża;

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat b'dan il-provvediment u minnu jixtieq jinterponi appell f'dan l-istadju tal-proċeduri u għalhekk qed jirrikorri sabiex jingħata lilu permess speċjali sabiex jinterponi appell minn tali digriet *ai termini* tal-Art. 229(3) tal-Kap. 12;

Illi r-raġunijiet li fuqhom hija msejjsa din it-talba huma s-segwenti:

1. Illi kif diġa rilevat, l-esponenti jissottometti li l-liġi tagħna toqgħod lura milli tipprovdi f'xi dettall proċedura li għandha tiġi segwita f'kawżi ta' ritrattazzjoni. Jekk wieħed iħares lejn l-Art. 811 *et seq* tal-Kap. 12 ċertament li ma jasalx sabiex jistabbilixxi b'eżatezza r-rit li għandu jiġi segwit fi proċeduri bħal dawk odjerni.

2. Illi fil-waqt li jidher mill-ġurisprudenza dwar l-istitut tar-ritrattazzjoni, ir-regola hi li l-ewwel tiġi trattata l-ewwel talba imbagħad jekk l-ewwel talba tintlaqa', wieħed jgħaddi għar-ritrattazzjoni tal-kawża veru u proprja. Naturalment, tali regola hija soġġetta għal eċċezzjonijiet;

3. Illi minn perspettiva simplistika, ikun aċċettabbli li fil-każ odjern wieħed jimxi b'dan il-mod u f'dan l-istadju jinstemgħu provi limitatament dwar jekk hemmx lok li l-kawża tinstema' mill-ġdid. **Imma fl-umli fehma tal-esponent kemm-il darba jiġi addottat tali approċċ (kif issa dderiġiet din l-Onorabbli Qorti), fl-eventwalita li jinstab li hemm lok għal tħassir tas-sentenza *de quo*, tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn għad li l-Qorti tordna r-ritrattazzjoni, <u>mhux neċessarjament li l-proċedura tibqa' għaddejja;</u>**

4. Illi fi kliem ieħor, jekk ir-ritrattanda tirnexxi fil-proċedura tal-*in rescindente* tista', konsapevolment, ma ssegwix bit-tieni parti tal-proċedura tal-*in rescissorio* a skapitu tal-esponenti u a detriment tal-istat ta' dritt;

5. Illi dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' ċirkostanzi speċjali tal-każ kemm li ġew rilevati fir-risposta ġuramentata tal-esponent kif ukoll minn aġir li sal-lum ir-ritrattanda irrikorriet għalihom sabiex tipprova ddur mas-sistema sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha. Fil-fatt, ir-ritrattanda diġa talbet li jiġi revokat ċertifikat maħruġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet b'responsabbilita tal-ġenituri u dan b'riferenza ghas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-XX XX XX fl-ismijiet fuq premessi u dan minkejja li:

   (i) Mhemmx dubju li l-imsemmija sentenza tikkostitwixxi *res judicata* tant li dwarha qed issir l-odjerna kawża ta' ritrattazzjoni,

kieku ma kienetx *res judicata* ma jistax ikun hemm kawża ta' ritrattazzjoni dwarha; u

(ii) Illi l-istess regolament komunitarju ma jipprovdix ghar-revoka ta' ċertifikati;

6. **Illi l-iskop kollu tal-proċeduri proposti mir-ritrattanda mhuwiex li ssir ritrattazzjoni tal-kawża kif imiss, iżda BISS li s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-2016 tiġi skartata biex imbagħad hija tkun tista' tistrieħ fuq deċiżjonijiet dubjużi mogħtija minn ġurisdizzjonijiet oħra**. Dwar dan kull kumment ieħor f'dan l-istadju jkun superfluwu għaliex għad iridu jitressqu provi fl-odjerni proċeduri fil-mument opportun u mhux issa fejn qed jiġi trattat il-punt ta' xi provi għandhom jitressqu mill-partijiet;

7. **Illi minn lenti prattika, kemm-il darba s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni tiġi imħassra u kwindi din l-Onorabbli Qorti tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża, ma jkun hemm xejn li jżomm lir-ritrattanda (sodisfatta li s-sentenza tal-2016 tkun ġiet rexissa) li tevita r-ritrattazzjoni tal-kawża biex tevita li jkollha sentenza oħra minn dawn il-Qrati u għalhekk iċċedi jew ma tibqax issegwi l-atti tar-ritrattazzjoni. Ċertament li ma kienetx l-intenzjoni tal-legislatur li permezz tar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni jagħti lok għal sitwazzjoni anomala bħal din li qed tiġi prospettata;**

8. Illi minn din l-ottika jirriżulta ċar li huwa konvenjenti ferm għar-ritrattanda li fil-każ odjern jinstema' biss dak li hu suffiċjenti għall-għanijiet tal-ewwel talba mingħajr ma wieħed jagħmel eżami profond biex kemm-il darba tieħu biċċa raġun (ossia tintlaqa' l-ewwel talba tagħha), ir-ritrattanda tkun tista' tadopera maniġġi oħra minkejja l-ordni tal-Qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid. Dan ma jfissirx li tali eżitu jkun konsonanti ma' dak li trid il-liġi u jekk jiġri hekk, l-istitut tar-ritrattazzjoni jkun intuża b'malizzja. Jiġi rilevat li fil-verbal tal-aħħar seduta ir-ritrattandi ma ċaħditx li l-intenzjoni tagħha kienet proprju li s-sentenza tal-2016 tiġi skartata imqar b'sempliċi dikjarazzjoni li mhux beħsiebha tistrieħ biss dwar deċiżjoni fuq l-ewwel talba;

9. **Illi fl-umli fehma tal-esponenti, jsegwi għalhekk li fil-każ odjern hemm raġunijiet gravi sabiex minflok li jinstemgħu provi dwar l-ewwel talba tar-ritrattazzjoni, jinstemgħu provi fuq it-talbiet kollha;**

Illi ċertament li kemm-il darba l-proċeduri jibqgħu għaddejjin, l-esponenti mhux se jkollu rimedju effettiv li jinterponi appell minn dan il-provvediment fi stadju ulterjuri. Għalhekk, fl-eventwalita li ma jintlaqax dan ir-rikors f'dan l-istadju, l-esponenti ser jigi preġudikat għaliex mhux se jkunu possibbli għalih li jitlob reviżjoni tal-mod kif għandhom jinġabru l-provi wara li tkun ingħatat sentenza. Għalhekk, l-odjerna proċedura hija l-unika rimedju ordinarju li għandu l-esponenti biex jindirizza l-kwistjoni tal-ġbir tal-provi;

Ghaldaqstant, l-esponent, in vista tas-suespost, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti permess specjali sabiex l-esponent *nomine* jinterponi appell mid-digriet interlokutorju mogħti fil-XX XX XX *ai termini* tal-Art. 229 tal-Kap. 12 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Amanda Cini

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: 1, Triq XXX, Sliema

Notifika: ES – 1, Triq XXX, Naxxar.

Dr KAB – Il-Qorti, Valletta

Dr EGL JEW Dr JZ– Il-Qorti, Valletta